



Brussell, 6 ta' Settembru 2022
(OR. en)

11460/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0190(NLE)**

**TRANS 504
MAR 147**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.	11022/22
Nru dok. Cion:	10511/22 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu fir-rigward tar-Regolament rivedut għall-Persunal tan-Navigazzjoni fuq ir-Renu – Adozzjoni

I. INTRODUZZJONI

1. Fil-21 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta msemmija hawn fuq lill-Kunsill.
2. Il-proposta tikkonċerna l-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' riżoluzzjoni mill-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu ("CCNR") rigward l-abbozz ta' Regolamenti għall-Persunal tan-Navigazzjoni fuq ir-Renu ("RPN"). L-RPN jinsab fil-proċess li jiġi rivedut biex iqis id-Direttiva (UE) 2017/2397 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
3. Is-CCNR hija organizzazzjoni internazzjonali b'kompetenzi regolatorji għal kwistjonijiet ta' trasport b'navigazzjoni interna fuq ir-Renu. Erba' Stati Membri tal-UE (il-Belġju, Franza, il-Ġermanja u n-Netherlands) u l-Iżvizzera huma partijiet għas-CCNR. L-Unjoni mhijiex parti għas-CCNR.

¹ Id-Direttiva (UE) 2017/2397 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali fin-navigazzjoni interna u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 91/672/KEE u 96/50/KE (ĠU L 345, 27.12.2017, p. 53).

II. ĦIDMA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL

4. Il-proposta ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu fil-laqgħat tiegħu fil-5 u l-11 ta' Lulju 2022 u emendata sabiex tqis il-fehmiet espressi mid-delegazzjonijiet.
5. Il-Kummissjoni esprimiet tħassib dwar xi wħud mill-emendi li saru għall-proposta oriġinali tagħha u ħabbret l-intenzjoni tagħha li tagħmel dikjarazzjoni għall-minuti tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u tal-Kunsill.
6. Wara l-qbil milħuq fil-livell tal-grupp ta' ħidma, it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ġie rivedut mis-servizz tal-ġuristi lingwisti tal-Kunsill.

III. KONKLUŻJONIJIET

7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jeżamina u japprova l-abbozz ta' deċiżjoni, kif jinsab fid-dokument ST 11265/22, imħejji mis-servizz tal-ġuristi lingwisti, u jibagħtu lill-Kunsill għall-adozzjoni.
8. Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat bl-adozzjoni f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.
